MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 707/2004

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Anthony u Joan mizzewgin Gafa'**
**[I.D. Nri. 994746(M) u 922251(M)]**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm1,680.33) bilanc ghad-debitu fil-'Loan u Student Loan Accounts' ta' Anthony u Joan mizzewgin Gafa' mall-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa A3" u Dok. "B1 sa B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-6 ta' Dicembru, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv, liema 'Loan u Student Loan Accounts' gew moghtija lill-konvenuti permezz ta' zewg skritturi datati 18 ta' Mejju 2000 (Dok. "C") u 21 t'April 2001 (Dok. "D").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati u cioe' Dok. "C" u "D" partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Anthony u Joan mizzewgin Gafa' (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 t'Awissu 2004 (Dok. "E") u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuti fejn ammettew it-talbiet attrici;

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------